REGOLI TA' PROĊEDURA

REGOLI TA' PROCEDURA IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI

Kodiċi ta' kondotta għall-Membri tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni adottat mill-Assemblea Plenarja fil-5 ta' Diċembru 2019

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 2 u 3 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("it-TFUE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 300 u l-Artikoli 305 sa 307 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni ("il-Kumitat"),

Billi l-membri tal-Kumitat huma rappreżentanti tal-korpi reġjonali u lokali li jew għandhom mandat elettorali reġjonali jew lokali jew huma politikament responsabbli quddiem assemblea eletta,

Billi s-sħubija tal-Kumitat tinbet minn mandat lokali jew reġjonali attiv u ma tikkostitwixxix impjieg u l-membri jirċievu biss indennizzi fissi għall-parteċipazzjoni fil-laqgħat u dawk tal-ivvjaġġar kif ukoll ir-rimborż tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar tagħhom,

Billi l-membri tal-Kumitat għandhom ikunu għalkollox indipendenti fil-qadi ta' dmirijiethom, fl-interess ġenerali tal-Unjoni Ewropea u ċ-ċittadini Ewropej,

Billi, mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet applikabbli tar-Regoli ta' Proċedura, ċerti obbligi li jirriżultaw minn tali dispożizzjonijiet għandhom jiġu stabbiliti f'Kodiċi ta' Kondotta,

Il-Kumitat iddeċieda li jadotta l-Kodiċi ta' Kondotta li ġej għall-membri tal-Kumitat, li għandhom jissieħbu fih fil-bidu tal-mandat tagħhom:

Artikolu 1

Kamp ta' applikazzjoni

Dan il-Kodiċi ta' Kondotta għandu japplika għall-imġiba tal-membri u s-sostituti fl-eżerċitar tad-dmirijiet allokati lilhom mill-Kumitat. Kwalunkwe referenza għall-membri għandha tinqara bħala referenza wkoll għas-sostituti.

F'każ ta' allegazzjoni dwar imġiba ħażina mill-membri tal-persunal kontra membri tal-Kumitat, għandhom japplikaw ir-regolamenti tal-persunal ([1]) rilevanti. Il-membri tal-Kumitat ikkonċernati għandhom jinformaw lis-Segretarju jew Segretarja Ġenerali dwar l-imġiba ħażina allegata.

Artikolu 2

Prinċipji

Il-membri tal-Kumitat għandhom jeżerċitaw id-dmirijiet allokati lilhom b'indipendenza, imparzjalità, integrità, trasparenza, dinjità u rispett għad-diversità.

Artikolu 3

Indipendenza

Il-membri għandhom ikunu kompletament indipendenti fl-eżerċitar tad-dmirijiet allokati lilhom, fl-interess ġenerali tal-Unjoni, u m'għandhom ikunu marbuta minn l-ebda struzzjoni obbligatorja, b'konformità mal-Artikolu 300(4) tat-TFUE.

([1]) Il-membri tal-persunal huma prinċipalment soġġetti għar-Regolamenti tal-Persunal, il-Kondizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea u d-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni adottati mill-Kumitat.

Artikolu 4

Imparzjalità u kunflitti ta' interess

1. Il-membri għandhom jeżerċitaw id-dmirijiet allokati lilhom fl-interess pubbliku u b'imparzjalità u m'għandhom jiksbu jew ifittxu li jiksbu l-ebda benefiċċju jew kumpens dirett jew indirett.

2. Il-membri għandhom jevitaw kwalunkwe sitwazzjoni li tista' twassal għal kunflitt ta' interess. Ikun jeżisti kunflitt ta' interess meta xi ħadd mill-membri jkollu interess personali li jista' jinfluwenza b'mod mhux adatt il-prestazzjoni tad-dmirijiet bħala membru. M'hemmx kunflitt ta' interess meta xi ħadd mill-membri jibbenefika biss bħala membru tal-pubbliku ġenerali jew ta' kategorija wiesgħa ta' persuni. Lanqas ma hemm kunflitt ta' interess meta xi ħadd mill-membri jwettaq attività, pereżempju l-parteċipazzjoni fil-korpi tal-kumpaniji għat-teħid tad-deċiżjonijiet, bħala parti mill-eżerċizzju tad-dmirijiet pubbliċi tiegħu jew tagħha.

3. Il-membri li jqisu li għandhom kunflitt ta' interess għandhom jieħdu minnufih il-miżuri meħtieġa biex isibu rimedju, skont il-prinċipji u d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi ta' Kondotta. Jekk il-membri kkonċernati ma jkunux jistgħu jsolvu l-kunflitt ta' interess, għandhom jibagħtu rapport dwar dan bil-miktub lill-President u lis-Segretarja jew Segretarju Ġenerali.

Artikolu 5

Integrità

1. Il-membri għandhom jeżerċitaw id-dmirijiet allokati lilhom fl-interess pubbliku u b'integrità, mingħajr ma jissolleċitaw, jaċċettaw jew jirċievu kwalunkwe benefiċċju jew kumpens dirett jew indirett bi skambju għal kwalunkwe mġiba speċifika fl-ambitu tax-xogħol tagħhom, u billi jfittxu b'mod konxju li jevitaw kwalunkwe sitwazzjoni li tista' timplika tixħim, korruzzjoni jew influwenza indebita.

2. Il-membri ma għandhomx jidħlu f'attività professjonali ta' lobbying marbuta direttament mal-proċess deċiżjonali tal-Unjoni. Ir-rappreżentazzjoni tal-interessi reġjonali jew lokali ma għandhiex titqies bħala lobbying.

3. Il-membri għandhom dejjem jitqiesu li jkunu qed jeżerċitaw id-dmirijiet tagħhom bħala membri tal-Kumitat meta jipparteċipaw fil-laqgħat tal-korpi kostitwenti tal-Kumitat, avvenimenti organizzati barra l-bini tiegħu imma appoġġjati minnu skont ir-regoli tiegħu stess, u avvenimenti li fihom jirrappreżentaw il-Kumitat.

4. Fil-prestazzjoni ta' dmirijiethom bħala membri tal-Kumitat, il-membri ma għandhomx jaċċettaw rigali jew benefiċċji simili, għajr dawk b'valur approssimattiv ta' anqas minn EUR 100 mogħtija skont l-użanzi ta' kortesija. Il-membri jistgħu jaċċettaw rigali b'valur approssimattiv ta' iżjed minn EUR 100 mogħtija skont l-użanzi ta' kortesija, bil-kundizzjoni li dawn ir-rigali, wara li jkunu ntlaqgħu, jingħataw lis-Segretarjat Ġenerali meta jattendu l-laqgħa li jkun imiss. Id-deċiżjoni dwar jekk dawn ir-rigali, kif ukoll rigali tal-istess valur mogħtija direttament lill-President, għandhomx isiru proprjetà tal-Kumitat jew għandhomx jingħataw lil organizzazzjoni tal-karità adatta, issir mill-President. Is-Segretarjat Ġenerali għandu jżomm reġistru ta' dawn ir-rigali. Fil-każijiet kollha, il-membri għandhom jikkonformaw mar-regoli nazzjonali, reġjonali u lokali dwar l-aċċettazzjoni ta' rigali li huma applikabbli għalihom, inklużi dawk li jistabbilixxu limiti fuq il-valur massimu tar-rigali.

5. Il-membri għandhom jikkonformaw mar-regoli finanzjarji tal-Kumitat li huma applikabbli għalihom, b'mod partikolari dawk dwar ir-rimborż tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar u l-ħlas tal-indennizzi fissi tal-ivvjaġġar u tal-laqgħat.

Artikolu 6

Trasparenza u dikjarazzjoni tal-interessi finanzjarji

1. Huma u jeżerċitaw id-dmirijiet allokati lilhom, il-membri għandhom iġibu ruħhom b'mod trasparenti u għandhom jilqgħu l-iskrutinju pubbliku leġittimu tal-konformità mal-prinċipji stabbiliti f'dan il-Kodiċi ta' Kondotta.

2. F'każ li l-leġislazzjoni fil-livell nazzjonali jew sottonazzjonali tistipula l-obbligu li tiġi ppreżentata dikjarazzjoni pubblika tal-interessi finanzjarji, il-membri tal-Kumitat għandhom ikunu personalment responsabbli biex iressqu quddiem il-President, fi żmien 60 jum mill-bidu tal-mandat tagħhom, stqarrija li fiha jiddikjaraw li huma ppreżentaw dikjarazzjoni pubblika tal-interessi finanzjarji lill-awtorità kompetenti fl-Istat Membru tagħhom, kif ukoll jipprovdu web link għal din id-dikjarazzjoni pubblika, b'konformità mal-leġislazzjoni applikabbli rilevanti fil-livell nazzjonali jew sottonazzjonali, b'relazzjoni għall-mandat jew il-kariga politikament responsabbli li abbażi tagħha jkunu nħatru bħala membri. Il-membri għandhom ikunu personalment responsabbli għall-akkuratezza ta' din il-web link u għandhom jinnotifikaw lill-President dwar kwalunkwe tibdil fil-web link sa tmiem ix-xahar wara t-tibdil.

3. Fil-każ li l-leġislazzjoni fil-livell nazzjonali jew sottonazzjonali ma tistipulax l-obbligu li titressaq dikjarazzjoni pubblika tal-interessi finanzjarji, il-membri għandhom ikunu personalment responsabbli li jressqu quddiem il-President dikjarazzjoni billi tintuża l-formola fl-Appendiċi ta' dan il-Kodiċi ta' Kondotta. Din id-dikjarazzjoni għandha tidentifika kull entità li fiha l-membri jkollhom interess finanzjarju dirett li jista' jiġi perċepit b'mod raġonevoli bħala li kapaċi jwassal għal kunflitt ta' interess jekk il-membri kkonċernati jkollhom jittrattaw deċiżjoni jew pożizzjoni tal-Kumitat li tinvolvi lil dik l-entità. Il-membri għandhom jitqiesu li jkollhom interess finanzjarju dirett f'entità li fiha jkollhom sehem finanzjarju speċifiku fil-kapital tagħha u dan is-sehem jagħti lill-membru influwenza sostanzjali fil-konfront tal-maniġment tal-membru.

4. Il-membri għandhom jgħarrfu lill-President b'kull tibdil fid-dikjarazzjoni mressqa skont il-paragrafu 3 sal-aħħar tax-xahar wara li sseħħ kull bidla.

5. Il-Kumitat għandu jagħmel disponibbli għall-pubbliku b'mod faċilment aċċessibbli l-informazzjoni pprovduta lill-President b'konformità ma' dan l-Artikolu.

6. Jekk titressaq informazzjoni quddiem il-President li twassal lilu jew lilha biex jemmen jew temmen li d-dikjarazzjoni mressqa mill-membri kkonċernati skont il-paragrafu 2 jew 3 tkun sostanzjalment skorretta jew skaduta, il-membri jistgħu jintalbu jikkoreġu d-dikjarazzjoni u l-Bureau jiġi infurmat dwar l-eżitu mill-President.

7. Ir-relaturi għandhom jipprovdu lis-Segretarjat Ġenerali b'lista tal-partijiet interessati kollha li ġew ikkonsultati dwar kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mas-suġġett tal-Opinjoni tagħhom. Is-Segretarjat Ġenerali għandu jżomm nota ta' din il-lista li, jekk ikun mitlub, tista' tkun aċċessibbli għall-pubbliku.

Artikolu 7

Dinjità u rispett għad-diversità

1. Huma u jeżerċitaw id-dmirijiet allokati lilhom, il-membri

(a) għandhom iġibu ruħhom b'mod professjonali u ma jużawx lingwaġġ jew imġiba offensiva jew diskriminatorja, f'konformità mal-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea;

(b) għandhom iġibu ruħhom ma' kull persuna fil-Kumitat jew f'wieħed mill-avvenimenti tiegħu b'dinjità, kortesija u rispett, u mingħajr preġudizzju jew diskriminazzjoni;

(c) m'għandhomx jinċitaw jew jinkoraġġixxu, permezz tal-kliem jew l-azzjonijiet tagħhom, lill-membri tal-pesunal jew membri oħra tal-Kumitat biex jiksru, jevitaw jew jinjoraw il-prinċipji stabbiliti f'dan il-Kodiċi ta' Kondotta jew leġislazzjoni oħra fis-seħħ, jew jittolleraw imġiba bħal din.

(d) għandhom ifittxu li jiżguraw, fil-limitu tar-responsabbiltà tagħhom fi ħdan il-Kumitat u billi jeżerċitaw diskezzjoni adatta, li kwalunkwe nuqqas ta' qbil jew kunflitt li jinqala' fil-Kumitat jew f'wieħed mill-avvenimenti tiegħu jiġi ttrattat fil-pront, b'mod ġust u effettiv, anke billi jkun hemm reazzjoni minufih għal kwalunkwe allegazzjoni ta' fastidju (psikoloġiku jew sesswali).

2. Fir-rigward tal-applikazzjoni ta' dan il-Kodiċi ta' Kondotta, id-definizzjoni ta' fastidju hija dik stabbilita fl-Artikolu 12a tar-Regolamenti tal-Persunal, skont l-interpretazzjoni fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ("il-Qorti tal-Ġustizzja"):

"Turment psikoloġiku"; ifisser kull imġiba mhux xierqa li ssir tul perjodu, hija ripetittiva jew sitematika u tinvolvi atteġġament fisku, lingwa mlissna jew miktuba, azzjonijiet jew atti oħra li huma intenzjonali u li jistgħu jbaxxu l-personalità, dinjità, jew integrità fisika jew psikoloġika ta' xi persuna.

"Turment sesswali"; tfisser imġiba relatata mas-sess li ma tridhiex il-persuna li hija diretta għaliha, u li għandha l-iskop jew l-effett li toffendi dik il-persuna jew toħloq ambjent ta' intimidazzjoni, ostili, offensiva jew disturbat. It-turment sesswali għandu jkun ittrattat bħala diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess.

Artikolu 8

Infurzar tal-Kodiċi ta' Kondotta

1. Il-President u l-membri tal-Kumitat għandhom jiżguraw li dan il-Kodiċi ta' Kondotta jiġi osservat u li jiġi applikat b'bona fide u billi l-prinċipju tal-proporzjonalità jiġi kkunsidrat kif dovut.

2. Jekk il-President ikun jew tkun tal-fehma li xi ħadd mill-membri jkun kiser dan il-Kodiċi ta' Kondotta, hu jew hija, bl-għajnuna tas-Segretarju jew Segretarja Ġenerali, jista' jeżamina jew tista' teżamina ċ-ċirkustanzi tal-allegat ksur. Jekk, wara li l-membri kkonċernati jkunu nstemgħu u jkunu ntalbu jressqu l-kummenti bil-miktub tagħhom, il-konklużjoni tal-President tkun li l-membri kkonċernati kisru l-Kodiċi ta' Kondotta, il-President, wara li jkunu ġew ikkonsultati l-Ewwel Viċi President, il-President tal-Kummissjoni għall-Affarijiet Finanzjarji u Amministrattivi, il-President tad-delegazzjoni nazzjonali tal-membru konċernat u l-President tal-grupp politiku tal-membru konċernat, għandu jadotta jew għandha tadotta deċiżjoni motivata li tistabbilixxi l-penali u jgħarraf jew tgħarraf lill-membri kkonċernati.

3. Jekk il-President ikun jew tkun il-persuna li setgħet kisret il-Kodiċi ta' Kondotta, l-Ewwel Viċi President għandu jassumi jew għandha tassumi r-rwol allokat lill-President fil-paragrafu 2, u Viċi President ta' grupp politiku u delegazzjoni nazzjonali differenti mill-grupp politiku u d-delegazzjoni nazzjonali tal-Ewwel Viċi President għandu jassumi jew għandha tassumi r-rwol allokat lill-Ewwel Viċi President fl-istess paragrafu.

4. Il-penali tista' tikkonsisti f'miżura waħda jew iżjed minn dawn li ġejjin:

(a) twissija, li tiġi ppubblikata jew le;

(b) sospensjoni temporanja mill-parteċipazzjoni fl-attivitajiet tal-Kumitat għal perjodu ta' bejn ġimgħa u sitt xhur;

(c) fil-każ ta' ksur tal-obbligi ta' kunfidenzjalità, limitazzjoni tad-drittijiet ta' aċċess għal informazzjoni kunfidenzjali sa sena.

(d) il-projbizzjoni li l-membri kkonċernati jiġu eletti bħala detenturi ta' kariga fi ħdan il-Kumitat, li jinħatru bħala relaturi jew li jipparteċipaw f'delegazzjoni uffiċjali u, jekk il-membri kkonċernati diġà jkollhom dawn il-karigi, li jitneħħew minnhom.

5. Il-miżuri stabbiliti fil-paragrafu 4(b) u (c) jistgħu jiġu rduppjati fil-każ ta' reati ripetuti.

6. Il-membri kkonċernati jistgħu jressqu appell intern quddiem il-Bureau fi żmien ġimagħtejn min-notifika tad-deċiżjoni motivata msemmija fil-paragrafu 2. Tali appell għandu jkollu l-effett li jissospendi l-applikazzjoni tal-penali stabbilita f'din id-deċiżjoni motivata. Mhux aktar tard minn erba' xhur wara t-tressiq tal-appell, il-Bureau, b'maġġoranza tal-membri tiegħu, għandu joħroġ deċiżjoni motivata li tannulla, tikkonferma jew timmodifika d-deċiżjoni motivata tal-President. Jekk id-deċiżjoni tal-Bureau tikkonferma d-deċiżjoni tal-President, il-Bureau jista' jserraħ fuq ir-raġunament tal-President. Madankollu, id-deċiżjoni tal-Bureau għandha tinkludi r-raġunament tiegħu stess jekk tannulla jew timmodifika d-deċiżjoni tal-President. Il-Bureau għandu jinnotifika d-deċiżjoni motivata lill-membri kkonċernati.

7. Il-membri kkonċernati jistgħu jippreżentaw rikors għal annullament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fi żmien xahrejn min-notifika tad-deċiżjoni motivata tal-Bureau, b'konformità mal-Artikolu 263 tat-TFUE.

Artikolu 9

Infurzar tal-Kodiċi ta' Kondotta fil-każ ta' allegat fastidju ta' membru tal-persunal minn membru tal-Kumitat

1. B'deroga mill-Artikolu 8, dan l-Artikolu għandu japplika għal każijiet ta' allegat fastidju ta' membru tal-persunal minn membru tal-Kumitat. It-terminu "membru tal-persunal" ifisser uffiċjal, membru tal-persunal temporanju, membru tal-persunal kuntrattwali, membru tal-persunal interim, espert/a nazzjonali sekondat/a jew trainee.

2. Għandu jiġi stabbilit Bord Konsultattiv dwar il-Fastidju ("il-Bord Konsultattiv") magħmul minn sitt membri fil-bidu ta' kull mandat ġdid tal-Kumitat ta' ħames snin. Il-Bureau għandu jipproponi l-President u żewġ membri oħra minn fost il-membri tal-Kummissjoni għall-Affarijiet Finanzjarji u Amministrattivi. Għandhom jiġu proposti żewġ membri minn fost il-membri tal-persunal min-naħa tas-Segretarju Ġenerali. Il-Kumitat tal-Persunal għandu jipproponi xi ħadd mill-membri. Il-President u l-membri għandhom jinħatru mill-President tal-Kumitat, u għandu jiġi osservat bilanċ bejn il-ġeneri. Fil-każ li xi wħud mill-membri tal-Bord Konsultattiv jitilfu l-istatus tagħhom bħala membri tal-Kumitat jew membri tal-persunal, għandhom jiġu proposti membri ġodda u jinħatru malajr kemm jista' jkun. Jekk xi wħud mill-membri tal-Bord Konsultattiv ikunu fost il-persuni involuti fil-każ, il-persuni kkonċernati għandhom jiġu sospiżi għad-durata tal-proċedura u għandhom jiġu proposti membri

interim ġodda u jinħatru malajr kemm jista' jkun. Il-Bord Konsultattiv għandu jieħu deċiżjonijiet b'maġġoranza sempliċi, fejn mill-inqas ħames membri jkunu preżenti, u fil-każ ta' voti ndaqs, għandha ssir votazzjoni deċiżiva mill-President. Il-Bord Konsultattiv għandu jaħdem b'awtonomija, indipendenza u kunfidenzjalità sħaħ u l-proċedimenti tiegħu għandhom ikunu sigrieti. Il-Bord Konsultattiv għandu jkun assistit fil-ħidma tiegħu mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kumitat. Is-Segretarjat Ġenerali għandu jassisti lill-Bord Konsultattiv b'kunfidenzjalità sħiħa. Kwalunkwe ksur ta' din il-kunfidenzjalità huwa soġġett għal investigazzjoni mill-President u jista' jwassal għal konsegwenzi adatti għall-persuna kkonċernata.

3. Il-membri tal-persunal li jqisu li huma vittmi ta' fastidju minn membru tal-Kumitat skont it-tifsira tal-Artikolu 12a tar-Regolamenti tal-Persunal jistgħu jressqu talba għal assistenza skont l-Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal jew, b'analoġija, l-Artikolu 11 (l-ewwel paragrafu) jew l-Artikolu 81 tal-Kondizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra. Il-membri tal-persunal interim, l-esperti nazzjonali sekondati u t-trainees jistgħu jressqu talba għal assistenza abbażi tal-Artikolu 31 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Qabel ma jressqu t-talba, il-membri tal-persunal ikkonċernati jistgħu jikkuntattjaw b'mod informali lill-awtorità tal-ħatra tagħhom, kwalunkwe membru tal-Bord Konsultattiv jew is-Segretarjat Ġenerali tal-Kumitat.

4. Malli tirċievi t-talba msemmija fil-paragrafu 3, l-awtorità tal-ħatra għandha tinforma lill-Bord Konsultattiv u tagħti struzzjonijiet lid-dipartiment responsabbli fis-Segretarjat Ġenerali biex iwettaq studju preliminari dwar il-fatti allegati sabiex jiġi ddeterminat jekk hemmx evidenza *prima facie* ta' fastidju. Fi żmien 30 jum ta' xogħol minn meta jirċievi t-talba, id-dipartiment responsabbli għandu jressaq quddiem il-Bord Konsultattiv u l-awtorità tal-ħatra studju preliminari li għandu jkun ibbażat fuq it-talba u, fejn meħtieġ, kwalunkwe stqarrija bil-miktub mix-xhieda proposti, u informazzjoni miksuba mid-dipartimenti rilevanti fis-Segretarjat Ġenerali. Jekk, skont l-istudju preliminari, ma jkunx hemm biżżejjed evidenza *prima facie* ta' fastidju, l-awtorità tal-ħatra, bi qbil mal-Bord Konsultattiv, għandha tikkonsulta lill-Unità tal-Affarijiet Legali u tagħti lill-membri tal-persunal ikkonċernati l-opportunità li jinstemgħu qabel ma tieħu deċiżjoni fuq il-bażi tal-Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal. Jekk, skont l-istudju preliminari, hemm biżżejjed evidenza *prima facie* ta' fastidju, il-każ għandu jiġi riferut lill-Bord Konsultattiv.

5. Għal kull każ riferut lilu, il-Bord Konsultattiv għandu jwettaq investigazzjoni dettaljata. Il-Bord Konsultattiv għandu jibgħat lill-membri tal-Kumitat ikkonċernati sommarju tal-allegazzjonijiet li saru kontrihom. Il-membri tal-Kumitat ikkonċernati għandhom jingħataw żmien raġonevoli, li ma jistax ikun anqas minn 15-il jum tax-xogħol, biex iressqu l-osservazzjonijiet tagħhom. Wara dan il-limitu ta' żmien, il-membri kkonċernati tal-persunal għandhom jirċievu sommarju tal-osservazzjonijiet tal-membri tal-Kumitat ikkonċernati. Il-Bord Konsultattiv għandu jevalwa jekk għandhomx jinstemgħu xi xhieda jew terzi persuni u jekk hemmx bżonn ta' investigazzjoni addizzjonali. Il-membri tal-persunal u l-membri tal-Kumitat ikkonċernati għandhom jirċievu sommarju ta' kwalunkwe testimonjanza tax-xhieda u għandhom jinstemgħu separatament mill-Bord Konsultattiv qabel l-adozzjoni tar-rapport imsemmi fil-paragrafu 6.

6. Abbażi tal-analiżi preliminari mwettqa mid-dipartiment rilevanti tas-Segretarjat Ġenerali u l-investigazzjoni dettaljata tiegħu stess, il-Bord Konsultattiv għandu jadotta rapport u jgħaddih lill-President tal-Kumitat u lill-membri tal-persunal u lill-membri tal-Kumitat ikkonċernati. Ir-rapport għandu jinkludi: (i) sommarju tal-allegazzjonijiet magħmula mill-membri tal-persunal ikkonċernati; (ii) sommarju tal-investigazzjoni, inklużi l-osservazzjonijiet tal-membri kkonċernati tal-Kumitat u ta' kwalunkwe xhud li nstema'; (iii) evalwazzjoni tal-fatti u tal-provi, inklużi t-testimonjanzi tax-xhieda; (iv) il-konklużjonijiet dwar jekk seħħx fastidju jew le; u (v), fejn meħtieġ, rakkomandazzjoni dwar il-piena li għandha tiġi imposta, kwalunkwe segwitu ieħor jew it-tnejn li huma. Fejn meħtieġ, kwalunkwe fehma tal-minoranza għandha tiġi rreġistrata fir-rapport.

7. Fid-dawl tar-rapport tal-Bord Konsultattiv u wara li l-membru tal-Kumitat ikkonċernat jkun instema' jew tkun instemgħet mill-President tal-Kumitat, wara konsultazzjoni mal-Ewwel Viċi President, il-President tal-Kummissjoni għall-Affarijiet Finanzjarji u Amministrattivi, il-President tad-delegazzjoni nazzjonali u l-President tal-grupp politiku tal-membru kkonċernat jew ikkonċernata għandha tinħareġ deċiżjoni motivata mill-President tal-Kumitat dwar jekk seħħx il-fastidju, li tista' tinkludi penali b'konformità mal-Artikolu 8(4). Id-deċiżjoni tista' tiddependi mir-raġunament tar-rapport tal-Bord Konsultattiv jekk tapprova l-konklużjonijiet tar-rapport. Id-deċiżjoni għandha madankollu tinkludi r-raġunament tagħha stess jekk ma taqbilx mal-konklużjonijiet tar-rapport. Id-deċiżjoni motivata għandha tiġi notifikata lill-membri tal-persunal u lill-membri kkonċernati tal-Kumitat mill-President, u l-Bord Konsultattiv u l-awtorità tal-ħatra għandhom jiġu mgħarrfa mill-President dwar dan ukoll.

8. Il-membri kkonċernati jistgħu jressqu rikors għal annullament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fi żmien xahrejn min-notifika tad-deċiżjoni motivata tal-President, b'konformità mal-Artikolu 263 tat-TFUE.

9. Fid-dawl tad-deċiżjoni motivata tal-President u wara li tkun ġiet ikkonsultata l-Unità tal-Affarijiet Legali, l-awtorità tal-ħatra għandha tieħu deċiżjoni finali dwar it-talba għal assistenza. Jekk id-deċiżjoni motivata tal-President tikkonkludi li kien hemm fastidju, l-awtorità tal-ħatra għandha tiddeċiedi dwar l-azzjoni li għandha tittieħed sabiex jingħata apoġġ lill-vittma tal-fastidju. Jekk id-deċiżjoni motivata tal-President tikkonkludi li l-fastidju ma seħħx u l-awtorità tal-ħatra għandha l-intenzjoni li tiċħad it-talba għal assistenza, hija għandha toffri lill-membri tal-persunal ikkonċernati l-opportunità li jinstemgħu minn qabel. Kull talba intenzjonalment falza jew qarrieqa għal assistenza tista' twassal għal proċeduri dixxiplinari kontra l-membri tal-persunal ikkonċernati.

10. Jekk il-President ikun jew tkun il-persuna kkonċernata mill-allegazzjonijiet ta' fastidju, l-Ewwel Viċi President għandu jassumi jew għandha tassumi r-rwol allokat lill-President fil-paragrafi 2, 7 u 9 u viċi president ta' grupp politiku u delegazzjoni nazzjonali differenti mill-grupp politiku u d-delegazzjoni nazzjonali tal-Ewwel Viċi President għandu jassumi jew għandha tassumi r-rwol allokat lill-Ewwel Viċi President fil-paragrafu 7.

11. L-awtorità tal-ħatra tista' tiddeċiedi fi kwalunkwe mument li tadotta miżuri interim, li jistgħu jinkludu b'mod partikolari l-permess li l-membri tal-persunal ikkonċernati jwettqu xogħol fid-dar jew fil-Kumitat iżda lil himm mill-membri kkonċernati, jew l-għoti tal-liv. L-awtorità tal-ħatra għandha tinforma lill-Bord Konsultattiv dwar il-miżuri adottati, filwaqt li tindika jekk jinħtieġx li tinforma lill-membri tal-Kumitat ikkonċernati.

Artikolu 10

Kooperazzjoni mal-awtoritajiet ġudizzjarji nazzjonali

1. Jekk l-allegat ksur jammonta għal reat kriminali potenzjali, l-awtoritajiet nazzjonali adatti fl-Istati Membri rilevanti għandhom jiġu infurmati mill-President.

2. Il-Kumitat għandu jikkoopera bis-sħiħ mal-awtoritajiet nazzjonali adatti.

Artikolu 11

Dħul fis-seħħ

Dan il-Kodiċi ta' Kondotta għandu jidħol fis-seħħ fis-26 ta' Jannar 2020.

Appendiċi

DIKJARAZZJONI PUBBLIKA TAL-INTERESSI FINANZJARJI

(għandha titressaq biss fin-nuqqas ta' dikjarazzjoni pubblika skont il-leġislazzjoni nazzjonali jew sottonazzjonali)

KUNJOM: ISEM:

☐ M'għandix interess finanzjarju dirett skont it-tifsira tal-Artikolu 6(3) tal-Kodiċi ta' Kondotta.

☐ Għandi interess finanzjarju dirett skont it-tifsira tal-Artikolu 6(3) tal-Kodiċi ta' Kondotta fl-entitajiet li ġejjin:

Niddikjara li l-informazzjoni ta' hawn fuq hija vera u korretta.

Data: Firma: